MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 159/2012

**Mobisle Communications Limited**
**C - 24655**

**Vs**

**Hyams Leonard Robert**
**I.D. 58773A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta'Marzu, 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jghati lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn mija wiehed u erbghin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€2,141.72) in konnessjoni ma' *79502301 (AC51081827)* liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Gunju, 2012

Illi ‘nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.
Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk talk-ittra ufficjali 4251/11.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-12 ta’ Ottubru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tat-12 ta’ Ottubru, 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn mija wiehed u erbghin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€2,141.72) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------